32001D0101

L 38/24 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 8.2.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-5 ta' Diċembru 2000
## fir-rigward ta' l-approvazzjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u kull wieħed mill-pajjiżi EFTA illi jagħti preferenzi fuq it-tariffi taħt is-Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi (in-Norveġja u l-Isvizzera), illi jipprovdi illi l-merkanzija illi toriġina fin-Norveġja jew l-Isvizzera għandha tiġi trattata hekk kif tidħol fit-territorju doganali tal-Komunità bl-istess mod tal-merkanzija illi jkollha kontenut ta' oriġini Komunitarja (ftehim reċiproku)

(2001/101/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 66(4) u (5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]),

Billi:

(1) Sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Komunità, Svizzeri u Norveġiżi jkunu jistgħu joħorġu ċertifikati ta' rimpjazzament tal-Formola A illi jkunu kapaċi jiffaċilitaw, partikolarment il-moviment ta' l-oġġetti illi joriġina fil-pajjiżi illi għadhom qegħdin jiżviluppaw, illi jibbenefikaw mill-preferenzi ġeneralizzati mogħtija mill-Komunitajiet Ewropej, l-Isvizzera u n-Norveġja, għandu jintlaħaq Ftehim bejn il-Komunità, l-Isvizzera u n-Norveġja illi taħtu huma jagħrfu reċiprokament il-komponenti tagħhom illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati illi għadhom qegħdin jiżviluppaw taħt il-kumulazzjoni tar-regoli bilaterali ta' oriġini.

(2) Ulterjorment għall-mandat mogħti mill-Kunsill lill-Kummissjoni fid-29 ta' Marzu 1996, saru negozjati f'dak is-sens bejn il-Komunitajiet Ewropej, l-Isvizzera u n-Norveġja u wassal għall-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri illi huwa fl-interess tal-Komunità illi jiġi approvat.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u kull wieħed mill-pajjiżi EFTA illi jagħti preferenzi fit-tariffa taħt il-GSP (in-Norveġja u l-Isvizzera), illi jipprovdi illi l-merkanzija illi toriġina fin-Norveġja jew l-Isvizzera għandha tiġi trattata hekk kif tidħol fit-territorju doganali tal-Komunità bl-istess mod tal-merkanzija illi jkollha kontenut ta' oriġini Komunitarja (ftehim reċiproku), qiegħed jiġi hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed jiġi hawnhekk awtorizzat illi jinnomina lill-persuni awtorizzati illi jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex jorbot lill-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika prevista mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

Magħmul fi Brussel, 5 Diċembru 2000.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

C. PIERRET

([1]) ĠU L 253, 11.10.93, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1602/2000 (ĠU L 188, 26.07.00, p. 1).